MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Numru 944/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Liza Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Liza Pace**, ta' sebgha u tletin (37) sena, mart Silvio Pace bint Joseph Grima u Myrtle Frances neé Evans, imwielda Pietà fis-6 ta' Mejju 1975 u

toqghod Blokk J, Flat 5, Bini tal-Gvern, Hamrun, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 302775(M),

akkuzata talli f'Awwissu 2009, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37) ghad-detriment ta' Simone Micallef, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 329878(M) *ai termini* tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi *ai termini* tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, giet fil-pussess tal-Karta tal-Identita' ta' Simone Micallef minghajr ma rritornata lilha u ghamlet uzu mill-istess Karta tal-Identita' minghajr awtorizazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 12(1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti *ai termini* tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet, fis-seduta tallum, li l-parti leza u l-imputata lahqu ftehim permezz ta' skrittura privata, liema skrittura giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "X".

Semghet, fis-seduta tallum, lill-parti leza tiddikjara li kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, fejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza ddikjaraw li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata kellha tkun wahda a bazi tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata, il-fatt li l-ammont in kwistjoni huwa dak ta' elfejn, hames mija u erbghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€ 2540.59), l-ammissjoni tal-imputata, il-kooperazzjoni taghha mal-Pulizija, dak li gie dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, u, kif ukoll, il-fatt li l-parti leza ddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 183, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputata Liza Pace hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputata Liza Pace bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum u tordna li sa zmien sentejn millum l-imputata thallas is-somma ta' elfejn, hames mija u erbghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€ 2540.59) lil Simone Micallef.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta'

kundizzjonata u jekk ma thallas is-somma ta' elfejn, hames mija u erbghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€ 2540.59) lil Simone Micalle fiz-zmien lilha moghti.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------